**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 6 t'Awwissu 2024**

**Kawża numru: 35/2024**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**(Dr. Tilden Tabone għall-Avukat Ġenerali)**
**(Spettur Keith Xerri għall-Kummissarju tal-Pulizija)**

**Vs**

**Zven Azzopardi**
**U**
**Shaznay Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Zven Azzopardi, ta' 21 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0242503 (L); u Shaznay Cassar, ta' 25 sena, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0339498 (M) li permezz tagħhom ġew akkużati talli:

> *"Nhar il-ħamsa (5) t`Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħinijiet tal-ħamsa (17:00hrs) u is-sitta (18:00hrs) ta' waranofsinhar, ġewwa il-fond 'F.Attard Service Station' situwata ġewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

1. *B'qerq għamlu, biddlu jew iffalsifikaw xi flus jew qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li kienu jafu li huma falsifikati;*

2. *Mingħajr awtorità legali importaw, esportaw, ittrasportaw, xtraw, irċievu, kisbu jew kellhom taħt il-kustodja jew pussess tagħhom flus falsifikati li kienu jafu li l-istess huma falsifikati.*

*Lill* ***Sven Azzopardi*** *waħdu, nakkużawħ talli:*

3. *Fl-istess, żmien, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. fid-digriet datat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;*

4. *Fl-istess, żmien, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fid-digriet datat nhar id-disgħa (9) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.*

5. *Fl-istess, żmien, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Corvette ta lew aħmar jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza.*

6. *Fl-istess, żmien, lok u ċirkostanzi saq il-vettura ta' għamla Corvette ta lewn aħmar mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.*

*Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex, jekk, waqt il-proċeduri kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qerda tal-flus falsifikati, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali ta' Malta, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-flus lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 188F tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat u kif ukoll l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija (skont kif indikat fit-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni) ikun ikkonfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reati;*

*F'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba li titratta mal-imputat* ***Zven Azzopardi*** *bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.*

*F'Każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tordna ukoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.*

*F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi."*

Rat id-dokumenti kollha eżebiti.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputati liema ammissjoni reġgħet ġiet ikkonfermata minnhom entrambi wara li ngħataw zmien raġjonevoli biex jirrikonsidraw u wara li ġie spjegat lilhom il-konsewgenza legali li ġġorr magħha tali ammissjoni.

Rat il-verbal magħmul mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Awissu 2024.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

In vista ta' l-ammissjoni da parti ta' l-imputati, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ssib lill-imputati ħtija ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tagħhom.

Illi l-ewwel imputazzjoni hi alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess. Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkużati bihom l-imputati, l-ammissjoni bikrija tagħhom, il-fedina penali tagħhom, l-eta' tagħhom u l-ammont ta' flus mertu ta' din il-kawża.

Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqies li piena karċerarja mhijiex dik idoneja izda għandha tingħata piena sospiza.

**DEĊIDE**

**Għal dawn il-motivi u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputati, għal dak li għandu x' jaqsam ma' Shaznay Cassar, wara li rat l-artikoli 188A, 188C, 188F(1) u 188F(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel imputazzjoni filwaqt li qed issib lil Shaznay Cassar ħatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundanahha għall-piena ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija, izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija għal tlett (3) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza. In kwantu għal dak li għandu x' jaqsam ma' Zven Azzopardi, wara li rat l-artikoli 49, 188C, 188A, 188F(1),**

**188F(2) u 579(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 3(1), 3(2)(a), u 3 (2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel imputazzjoni filwaqt li qed issib lil Zven Azzopardi ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni kif ukoll ta' l-imputazzjoni dwar ir-recidiva u tikkundanah għall-piena ta' sentejn priġunerija (2), izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-ċirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tingħata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Qegħda wkoll tordna ai termini ta' l-artikolu 579(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li s-somma ta' elf u hames mitt Ewro (EUR 1,500) depożitata in konnessjoni mad-digriet u kundizzjonijiet għall-helsien mill-arrest data 25 ta' April 2024 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Joseph Xerri) vs Marlon Baldacchino u Zven Azzopardi tgħaddi a favur il-Gvern ta' Malta. Qeghda wkoll tordna ai termini ta' l-artikolu 579(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (EUR 1,500) depożitata in konnessjoni mad-digriet u kundizzjonijiet għall-helsien mill-arrest data 9 ta' Frar 2024 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Darren Buhagiar u Spettur Kurt Farrugia) vs Zven Azzopardi tgħaddi a favur il-Gvern ta' Malta. Qegħda wkoll a tenur ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta tiskwalifika kwalsiasi liċenzja ta' sewqan ta' Zven Azzopardi għal zmien ta' (12) tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Din il-Qorti qeghda wkoll ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 188F(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-flus elevati u eżebiti in atti bhala Dok 'KX9' a favur tal-Bank Ċentrali ta' Malta filwaqt li qed tordna li l-flus eżebiti bhala Dok KX9 jintbagħtu lil Bank Ċentrali ta' Malta sabiex dawn ikunu jistgħu jinflew minnhom.**

**A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommettu matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Il-Qorti tordna li dawn l-atti kollha flimkien ma' din is-sentenza ghandhom jiġu transmessi lil Avukat Ġenerali ai termini tal-liġi fiz-zmien stipulat fil-liġi.**

**(ft) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**